**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Walid Ahmed Omar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Walid Ahmed Omar, ta' 34 sena, bin Ahmed u Zeinab nee Ahmed Aweda, imwieled l-Egittu fl-1 t'Awwissu 1979, u li joqghod f'55, Flat 2, Triq Joe Sciberras, Hamrun, ID Card No: 46830A;

Talli flimkien ma persuni ohra bejn Jannar 2014 u Lulju 2014, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' diversi persuni u kumpaniji fosthom The Tool Box, AAK Grech Limited, R. Grech Ironmongery u HandyMan Centre kif ukoll ta' John Baptist Borg;

2) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, billi ghadda dawn ic-cekkijiet lil haddiehor biex jissarrfu, bi qligh ghalih jew ghal haddiehor;

3) Irrenda lilu nnifsu komplici tad-delitti hawn fuq imsemmija, billi gieghel id-delitt isir, b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi iehor, inkella b'abbuz t'awtorita jew setgha, inkella li jkun ta struzzjonijiet biex sar id-delitt, u/jew billi ta ghodod jew mezzi ohra li bihom saru d-delitti, meta kien jaf li kellhom jigu hekk uzati, u/jew talli b'xi mod assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;

4) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti irrisulta ampjament ippruvat li l-imputat, flimkien ma' terzi, bhala komplici ippartecipa biex numru ta' hwienet tal-ghodda gew defrawdati billi inxtraw diversi bicciet ta' ghodda minn ghandhom, u dawn thallsu permezz ta' cekkijiet ta' certu John Baptist Borg b'firem iffalsifikati. L-imputat kien presenti ma' dawn il-persuni li dahlu fil-hwienet indikati fic-citazzjoni, u ha sehem attiv fix-xiri ta' dawn l-ghodod. Irrisulta wkoll li kien jaf li c-cekkijiet ma setghux jissarrfu, u ghalhekk il-Qorti qed issib htija fih. Ghal din ir-raguni, flimkien mal-piena, il-Qorti sejra tordna li l-imputat jirrifondi nofs il-valur tal-oggetti hekk mixtrija lis-sidien tal-hwienet, bin-nofs l-iehor jithallas mil-ko-awtur li tressaq separatament quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 42, 184, 308, 309, 310, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hat tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lillimputat ihallas is-somma ta' €1,443 fi zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kwantu ghall-ammont ta' €210 lil Toolbox, l-ammont ta' €450 lil AAK Grech, l-ammont ta' €415 lil Handyman Centre, u l-ammont ta' €368 lil R Grech.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**